

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Bulgarija](#)

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Bulgarija

Bulgarija



Din it-taqsimha tipprovidi ħarsa ġenerali lejn ir-reġistri kummerċjali tal-Bulgarija u r-reġistru BULSTAT. Il-Bulgarija tiggarrantixxi li dawn ir-reġistri jimxu mal-prinċipji tal-pubbliċità, it-trasparenza u s-sigurtà tal-informazzjoni.

L-istorja tal-istabbiliment tar-reġistru nazzjonali

Meta ġie stabbilit?

Fl-1 ta' Jannar 2008 bdiet riforma tal-proċess ta' reġistrazzjoni, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali (*Zakon za targovskiya registar*) u beda jaħdem reġistru elettroniku tal-fergħat tal-operaturi tas-suq u tal-operaturi tas-suq barranin. L-operaturi tas-suq kellhom jirreġistraw mill-ġdid sal-31 ta' Diċembru 2011.

Skont l-Artikolu 17 tal-Att dwar l-Entitajiet Legali mingħajr Skop ta' Qligħ (*Zakon za yuridicheskite litsa s nestopanska tsel*), sa mill-1 ta' Jannar 2018, l-Aġenzija tar-Reġistri (*Agentsiya po vpisvaniyata*) iżżomm ir-reġistru ta' entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ. § 25(1) tad-Dispożizzjonijiet Tranżizzjonali u Finali tal-Att dwar l-Entitajiet Legali mingħajr Skop ta' Qligħ jipprevedi li l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ imdaħħlin fir-reġistru ta' entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ fil-qradi provinċjali (*okrazhni sadilishta*) għandhom l-għażla li jissottomettu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mill-ġdid lill-Aġenzija tar-Reġistri sal-31 ta' Diċembru 2020. Iż-żewġ reġistri jużaw l-istess bażi ta' data.

Riżultati tar-riforma:

1. Il-proċess tar-reġistrazzjoni ġie trasferit mill-qradi għal korp amministrattiv tal-gvern ċentrali: l-Aġenzija tar-Reġistri.
2. Ir-reġistri kollha tat-28 qradi provinċjali ġew ikkonsolidati f'bażi ta' data elettronika ċentralizzata unika. Il-bażi ta' data fiha d-dettalji li huma meħtieġa li jiġu rreġistrati u d-dokumenti meħtieġa biex jinżammu disponibbli għall-ispezzjoni pubblika, kif ukoll verżjonijiet elettroniċi tad-dokumenti kollha sottomessi, iċ-ċaħdiet maħruġa, l-istruzzjonijiet maħruġa u l-fajls tal-kumpanija.
3. Il-prinċipju tal-pubbliċità tal-informazzjoni huwa ta' importanza fundamentali fil-proċedura tar-reġistrazzjoni.
4. Il-proċedura tar-reġistrazzjoni ssir bl-użu ta' bosta tipi ta' forom tal-applikazzjoni. It-tip ta' applikazzjoni jiddependi fuq it-tip ta' operatur tas-suq jew entità legali mingħajr skop ta' qligħ u d-dettalji li għandhom jiddaħħlu.

Meta ġie ddiġitalizzat?

Mill-1 ta' Jannar 2008, ir-reġistru kummerċjali, u mill-1 ta' Jannar 2018, ir-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, ħadmu bħala bażi tad-data elettronika unika li fiha informazzjoni dwar id-dettalji suġġetti għad-dħul u d-dokumenti suġġetti għall-pubblikazzjoni, kif ukoll id-dokumenti kollha ppreżentati, ir-rifjuti maħruġa, l-istruzzjonijiet u r-rekords tal-kumpaniji f'forma elettronika.

X'inhi l-leġiżlazzjoni applikabbli bħalissa?

L-Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru tal-Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qligħ (*Zakon za trgovskiya registar i registara na yuridicheskite litsa s nestopanska tsel, ZTRRYuLNTs*) jirregola l-entrati, iż-żamma, il-ħżin u l-aċċess għar-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, kif ukoll l-effett tal-entrati, tat-tħassir u ta' informazzjoni oħra ppubblikata fihom, u r-Regolament Nru 1 tal-14 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi r-regoli għaż-żamma, il-ħżin u l-aċċess għar-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ (*Haredba za vodene, sahranyavane i dostap do trgovskiya registar i do registara na yuridicheskite litsa s nestopanska tsel, NVSDTRRYuLNTs*) jstabbilixxi r-regoli għaż-żamma, għall-ħżin u għall-aċċess għar-reġistru kummerċjali u għar-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, kif ukoll il-proċedura għall-ħatra u r-remunerazzjoni ta' esperti tal-valwazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mhux fi flus, likwidaturi, kontrolluri, verifikaturi u awdituri rreġistrati.

Meta jeżaminaw l-applikazzjonijiet li jaslu għand ir-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ (TRRYuLNTs), l-uffiċjali tar-reġistrazzjoni jwettqu kontrolli ta' verifika fuq id-dokumenti sottomessi f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċjali tal-Att dwar il-Kummerċ (*Targovski zakon*), l-Att dwar l-Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qligħ, l-Att dwar il-Miżuri kontra l-Ħasil tal-Flus (*Zakon za merkite sreshtu izpiraneto na pari*), l-Att dwar l-Irhna (*Zakon za osobenite zalozi*), l-Att dwar il-Kooperattivi (*Zakon za kooperatsiite*), l-Att dwar l-Entitajiet bi Skop Speċjali u l-Entitajiet tat-Titolizzazzjoni (*Zakon za druzhestvata sas spetsialna investitsionna tsel i za druzhestvata za sekyuritizatsiya*), l-Att dwar l-Attivitajiet ta' Skemi ta' Investiment Kollettiv u Impriżi ta' Investiment Kollettiv Oħra (*Zakon za deynostta na kolektivnite investitsionni shemi i na drugi predpriyatiya za kolektivno investirane*), l-Att dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (*Zakon za pazarite na finansovi instrumenti*), l-Att dwar l-Offerta Pubblika ta' Titoli (*Zakon za publichnoto predlagane na tsenni knizha*), l-Att dwar il-Kontabilità (*Zakon za schetovodstvoto*), l-Att dwar il-Faċilitajiet tal-Kura tas-Saħħa (*Zakon sa lechebnite zavedeniya*), l-Att dwar iċ-Ċentri Pubbliċi tal-Komunità (*Zakon za narodnite chitalishta*), l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (*Zakon za kreditnite institutsii*) u l-Att dwar id-Dokumenti Elettroniċi u s-Servizzi Fiduċjarji Elettroniċi (*Zakon za elektronniya dokument i elektronnite udostoveritelni uslugi*).

X'informazzjoni joffri r-reġistru kummerċjali?

Ir-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ jikkondividu bażi tad-*data* elettronika komuni li fiha d-dettalji meħtieġa bil-liġi li jiġu rreġistrati u d-dokumenti li huma meħtieġa bil-liġi li jinżammu disponibbli għal spezzjoni pubblika relatati mal-operaturi tas-suq, mal-fergħat tal-operaturi tas-suq barranin, l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ u l-fergħat ta' entitajiet legali barranin mingħajr skop ta' qligħ. Il-fajls dwar operaturi tas-suq, fergħat ta' operaturi tas-suq barranin, entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ u fergħat ta' entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ barranin jinżammu f'forma elettronika. Il-fajls fihom applikazzjonijiet, dokumenti li jissostanzjaw id-dettalji rreġistrati, divulgazzjonijiet u dokumenti oħrajn, li jista' jkun fihom ukoll *data* personali li tidentifika lill-individwi li jirrappreżentaw jew jimmaniġġjaw lill-operatur tas-suq jew lill-entità legali mingħajr skop ta' qligħ inkwistjoni.

X'fih il-kont?

Il-kont tal-persuni mdaħħla fir-reġistru fih informazzjoni bażika, maħżuna fil-forma ta' *data* strutturata, dwar l-isem, il-forma ġuridika, l-uffiċċju prinċipali u l-indirizz tal-kumpanija, il-korpi maniġerjali tagħha, l-għanijiet (jekk applikabbli), is-sħab (jekk applikabbli), u l-kapital azzjonarju (jekk applikabbli).

X'fih il-fajl?

Il-fajl ta' kull entità fir-reġistru fih id-dokumenti kollha li jissostanzjaw id-dettalji mdaħħla fil-kont tagħha.

Min għandu d-dritt li jaċċessa r-reġistru?

Ir-reġistru kummerċjali u r-reġistru ta' entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ huma fl-isfera pubblika. L-aċċess għall-bażi ta' *data* tar-reġistri huwa miftuħ għal kulħadd mingħajr ħlas. L-Aġenzija tar-Reġistri tipprovdi aċċess irreġistrat għall-fajl tal-operatur tas-suq jew tal-entità legali mingħajr skop ta' qligħ. Tali aċċess jista' jiġi pprovdut fl-uffiċċji lokali tal-Aġenzija wara l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni u ta' dokument tal-identità. Il-persuni li jitolbu aċċess elettroniku jridu jidentifikaw lilhom infushom permezz ta' firma elettronika jew ċertifikat diġitali maħruġ mill-Aġenzija; l-aċċess uffiċċjali jingħata skont il-proċedura stipulata f'regolament speċjali. L-Aġenzija tar-Reġistri tipprovdi wkoll aċċess ħieles u miftuħ għad-dettalji u dokumenti permezz tas-Sistema ta'

Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali.

X'informazzjoni fih ir-reġistru?

Fit-TRRYuLNTs hemm irreġistrati operaturi tas-suq, fergħat ta' operaturi tas-suq barranin, entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ u fergħat ta' entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, flimkien mad-dettalji dwarhom li huma meħtieġa bil-liġi li jiġu rreġistrati. It-TRRYuLNTs jinkludi wkoll id-dokumenti li huma meħtieġa bil-liġi li jinżammu disponibbli għall-ispezzjoni pubblika relatata mal-operaturi tas-suq u mal-fergħat ta' operaturi tas-suq barranin, mal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ u mal-fergħat ta' entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ barranin.

Dawn li ġejjin huma suġġetti għad-dħul fir-reġistru kummerċjali u fir-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ: dettalji relatati mar-reġistrazzjoni inizjali tal-entitajiet, il-bidliet fid-dettalji ddikjarati u t-tħassir tagħhom, l-informazzjoni dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, il-likwidazzjoni u l-insolvenza, is-sekwestru tal-ishma tal-kumpaniji (fejn applikabbli), ir-raham ta' intrapriża kummerċjali u r-raham tal-ishma tal-kumpaniji, id-dettalji relatati mal-firmatarju, il-fergħa, is-sidien benefiċjarji u r-ristrutturar.

Liema dokumenti jiġu ppreżentati/jinżammu (fajls, settijiet ta' dokumenti, statuti, minuti tal-assemblya ġenerali, eċċ.)?

Kull applikazzjoni trid tkun akkumpanjata minn riċevuta ta' ħlas tat-tariffi tal-Istat, sakemm it-tariffa ma titħallasx b'mod elettroniku, u dikjarazzjoni li tatesta l-awtentiċità tad-dettalji li għandhom jiddaħħlu fir-reġistru u l-aċċettazzjoni tad-dokumenti ppreżentati għad-dħul, kif ukoll dokumenti li juru l-eżistenza tad-dettalji li għandhom jiddaħħlu fir-reġistru jew fid-dokument suġġett għad-dħul, bħal statuti ta' assoċjazzjoni, minuti ta' laqgħat ġenerali, kuntratti għax-xiri u l-bejgħ ta' ishma tal-kumpaniji, eċċ.. L-applikazzjoni u l-annessi tagħha jridu jiġu ppreżentati bil-Bulgaru. Id-dokumenti jistgħu jiġu ppreżentati wkoll bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Madankollu fejn isir hekk, dawn iridu jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni ċċertifikata bil-Bulgaru.

Kif nista' nagħmel tfittxija (u x'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli)?

Personalment

Kull persuna tista' tfittex fir-reġistru kummerċjali u fir-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ għal dettall partikolari jew dokument partikolari billi żżur uffiċċju lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri. L-uffiċċji tal-Aġenzija tar-Reġistri jinsabu fiż-żoni taħt il-ġurisdizzjoni ta' kull qorti provinċjali fil-Bulgarija.

Iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu minn kwalunkwe wieħed mill-uffiċċji lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri (it-tariffi jinġabru f'konformità mal-iskeda tat-tariffi tal-Istat miġbura mill-Aġenzija tar-Reġistri).

Kopji tad-dokumenti ppreżentati għad-dħul fir-reġistru jistgħu jinħarġu minn kwalunkwe wieħed mill-uffiċċji lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri (it-tariffi jinġabru f'konformità mal-iskeda tat-tariffi tal-Istat miġbura mill-Aġenzija tar-Reġistri).

Fuq is-sit web tar-reġistru

Ir-reġistru kummerċjali jista' jiġi aċċessat 24 siegħa kuljum fl-indirizz <https://portal.registryagency.bg/en/>.

Kwalunkwe persuna tista' tfittex ir-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ għal dettall jew dokument partikolari.

X'inhuma l-kriterji ta' tfittxija disponibbli?

Fuq il-portal tat-TRRYuLNTs, it-tfittxijiet jistgħu jsiru billi jintużaw il-kriterji li ġejjin:

- l-isem kummerċjali/isem jew Kodiċi ta' Identifikazzjoni Uniku (unique identification code - UIC) ta' operatur tas-suq jew ta' fergħa ta' operatur tas-suq barrani, entità legali mingħajr skop ta' qligħ jew fergħa ta' entità legali mingħajr skop ta' qligħ barranija; l-ismijiet jew in-numru ta' identifikazzjoni, jew l-isem kummerċjali jew il-UIC tas-sieħeb jew tas-sid uniku tal-kapital.
- l-ismijiet jew in-numru ta' identifikazzjoni, jew l-isem kummerċjali jew il-UIC ta' membru tal-korpi ta' entità

ġuridika – operatur tas-suq jew entità legali mingħajr skop ta' qligħ. Il-fajl ta' operatur tas-suq, fergħa ta' operatur tas-suq, entità legali mingħajr skop ta' qligħ jew fergħa ta' entità legali mingħajr skop ta' qligħ barranija u l-uffiċjali u s-suċċessuri tagħhom jistgħu jiġu mfittxija skont dettall jew dokument.

Kif nista' nikseb id-dokumenti?

Mingħajr ħlas?

Minbarra li toffri aċċess liberu u miftuħ għall-bażi tad-*data* tar-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ imsemmija hawn fuq, l-Aġenzija tar-Reġistri toħroġ iċ-ċertifikati li ġejjin:

Ċertifikat tal-affidabbiltà li jattesta d-dettalji u d-dokumenti rreġistrati fil-kont ta' operatur tas-suq jew ta' entità legali mingħajr skop ta' qligħ fil-ħin tal-ħruġ tad-dokument.

Ċertifikat tal-entrati magħmula fuq perjodu speċifiku li jattesta d-dettalji mdaħħla fil-kont ta' operatur tas-suq jew ta' entità legali mingħajr skop ta' qligħ fuq perjodu speċifikat mill-applikant.

Ċertifikat ta' dokumenti ppubblikat f'perjodu speċifiku li jelenka d-dokumenti depożitati fil-kont ta' operatur tas-suq jew ta' entità legali mingħajr skop ta' qligħ matul il-perjodu speċifikat mill-applikant.

Ċertifikat li jikkonferma li ċerti dettalji/dokumenti ma ddaħħlux fil-kont/ma ġewx iddepożitati fil-kont ta' operatur tas-suq jew ta' entità legali mingħajr skop ta' qligħ.

Ċertifikat fir-rigward tad-dettalji mdaħħla fir-reġistru, li jattesta d-dettalji speċifiċi li ddaħħlu fil-kont tal-operatur tas-suq jew tal-entità legali mingħajr skop ta' qligħ. Iċ-ċertifikat jista' jkun fih biss dettalji relatati mal-kapital azzjonarju tal-kumpanija jew mal-uffiċċju reġistrat tal-operatur tas-suq/entità legali mingħajr skop ta' qligħ, jew diversi dettalji li l-applikant ikun talab li jiġu inklużi fid-dokument.

Ċertifikat li jattesta d-depożitu ta' dokument jew kopja ta' dokument depożitat — konferma li dokument speċifiku jkun ġie ddepożitat fil-kont tal-operatur tas-suq jew tal-entità legali mingħajr skop ta' qligħ, jew kopja ċertifikata ta' dokument li jkun ġie ddepożitat fil-kont tal-operatur jew tal-entità legali mingħajr skop ta' qligħ, maħruġa fuq talba ta' parti interessata.

Ċertifikati tal-isem/isem kummerċjali riżervat, li jattestaw id-dritt ta' operatur tas-suq jew ta' entità ġuridika mingħajr skop ta' qligħ li tuża isem/isem kummerċjali magħżul u riżervat.

Bi ħlas?

Għandha titħallas tariffa fl-ammont speċifikat fl-iskeda tat-tariffi tal-Istat miġbura mill-Aġenzija tar-Reġistri. It-tariffi għall-ħruġ taċ-ċertifikati huma kif ġej: BGN 5.00 għall-ewwel paġna u BGN 2.00 għal kull paġna addizzjonali ta' kopja stampata ta' ċertifikat, u BGN 2.50 għall-ewwel paġna u BGN 1.50 għal kull paġna addizzjonali ta' ċertifikat maħruġ f'forma elettronika.

Kif nista' nikseb silta mir-reġistru, kopja ċertifikata jew traskrizzjoni tad-dokumenti?

Iċ-ċertifikat li jattesta n-nuqqas ta' dettalji rreġistrati jew ta' dokumenti depożitati jista' jinkiseb biss f'kopja stampata minn kwalunkwe uffiċċju lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri, u t-tipi l-oħra kollha ta' ċertifikati jistgħu jinkisbu kemm f'kopja stampata minn kwalunkwe uffiċċju lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri kif ukoll f'forma elettronika, skont il-kundizzjonijiet u l-proċedura stipulati fl-Att dwar id-Dokumenti Elettroniċi u s-Servizzi Fiduċjarji Elettroniċi.

Il-proċedura ta' reġistrazzjoni

Kif nista' nibda l-proċedura ta' reġistrazzjoni (kif nippreżenta applikazzjonijiet lir-reġistru, iċ-ċertifikazzjoni tad-dokumenti, it-tip ta' dokumenti li jridu jkunu mehmuża)?

Personalment

Kull persuna tista' tippreżenta applikazzjoni billi żżur uffiċċju lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri.

L-applikazzjonijiet f'forma fiżika jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe uffiċċju lokali tal-Aġenzija tar-Reġistri, irriskettivament minn fejn ikun ibbażat l-operatur tas-suq. Ladarba jiġu aċċettati mill-uffiċċji tal-Aġenzija, l-applikazzjonijiet stampati jiġu skennjati u maħżuna bħala hemżiet fis-sistema kompjuterizzata tat-TRRYuLNTs. Id-dokumenti mehmuża bħala annessi għall-applikazzjonijiet iridu jkunu oriġinali jew kopji ċċertifikati mill-applikant jew minn nutar pubbliku.

Online

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati wkoll b'mod elettroniku permezz tal-portal web tat-TRRYuLNTs fuq <https://portal.registryagency.bg>

L-applikazzjonijiet elettroniċi jistgħu jiġu ppreżentati 24 siegħa kuljum permezz tal-portal tat-TRRYuLNTs. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni inizjali, id-dħul u t-tħassir ta' dettalji u applikazzjonijiet għad-depożitu ta' dokumenti relatati mal-affarijiet ta' kumpaniji b'ishma konġunti u soċjetajiet limitati b'ishma jistgħu jiġu ppreżentati biss f'forma elettronika.

L-Artikoli 6 sa 63 h tar-Regolament Nru 1 tal-14 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi r-regoli għaż-żamma, il-ħżin u l-aċċess għar-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ (NVSDTRRYuLNTs) jistabbilixxu informazzjoni dettaljata dwar id-dokumenti meħtieġa li għandhom jiġu annessi ma' kull applikazzjoni għar-reġistrazzjoni inizjali, id-dħul u t-tħassir ta' dettalji, u d-depożitu ta' dokumenti, għal kull tip ta' kumpanija.

L-applikazzjonijiet ippreżentati kif jiġu rieżaminati?

Kull entrata li tasal biex tiddaħħal fis-sistema kompjuterizzata tat-TRRYuLNTs (applikazzjoni, deċiżjoni ta' qorti, talba biex jiġi rranġat żball, talba għall-ħatra ta' esperti, verifikaturi, kontrolluri, eċċ.) tingħata numru ta' referenza uniku fil-format "ssssxxjjsmmss" (sena, xahar, jum, siegħa, minuta, sekonda). Ladarba applikazzjoni, deċiżjoni ta' qorti, jew talba tkun irċeviet in-numru ta' referenza uniku tagħha, din tiġi alllokata b'mod aleatorju mis-sistema kompjuterizzata tat-TRRYuLNTs lil uffiċċjal tar-reġistrazzjoni biex jeżaminaha. L-applikazzjonijiet għad-dħul jew it-tħassir jew id-depożitu ta' dokumenti skont l-Artikolu 14 jiġu alllokati awtomatikament, fl-ordni li jkunu waslu, lil uffiċċjal tar-reġistrazzjoni li jkun għadda b'mod elettroniku l-applikazzjoni li tkun ġiet alllokata lilu qabel u li mbagħad għalhekk, fis-sistema kompjuterizzata jiġi jidher li jkun disponibbli.

Skont l-Artikolu 19(2) tal-Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru ta' Entitajiet Legali mingħajr Skop ta' Qligħ (ZTRRYuLNTs), l-uffiċċjal tar-reġistrazzjoni joħroġ deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jew għat-tħassir u l-applikazzjonijiet għad-depożitu ta' dokument minnufih wara li jiskadu 3 ijiem tax-xogħol wara l-wasla tagħhom, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ewwel darba tal-operaturi tas-suq jiġu eżaminati sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol wara dik li fiha jkunu tressqu lir-reġistru kummerċjali, u tinħareġ deċiżjoni minnufih wara li tiġi eżaminata l-applikazzjoni, ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 22(5) taż-ZTRRYuLNTs, fejn tinħareġ struzzjoni.

Skont it-tip ta' deċiżjoni, l-eżiti jistgħu jkunu kif ġej:

- struzzjonijiet iffirmati elettronikament mill-uffiċċjal tar-reġistrazzjoni wara li jitlesta l-eżami tal-applikazzjoni partikolari u ppubblikati minnufih fil-kont tal-operatur tas-suq – li jkollhom jiġu implimentati fit-terminu previst fl-Artikolu 19(2) taż-ZTRRYuLNTs;
- ċaħda, iffirmata elettronikament mill-uffiċċjal ta' reġistrazzjoni meta jkun tlesta l-eżami u ppubblikata mill-ewwel fil-kont tal-operatur tas-suq;
- ordni ta' reġistrazzjoni.

L-effetti legali tar-reġistrazzjoni

L-effett tal-entrati fuq il-partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2017/1132

Il-Bulgarija adottat il-prinċipji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li tirregola l-validità tad-dħul jew it-tħassir ta' dettalji u d-depożitu ta' dokumenti marbutin ma' operaturi tas-suq/entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ. L-arranġamenti speċifiċi applikabbli fil-livell nazzjonali huma stabbiliti fiż-ZTRRYuLNTs u fl-Att dwar il-Kummerċ.

Skont iż-ZTRRYuLNTs, dettall imdaħħal fir-reġistru jitqies, mill-ħin li jiddaħħal, li jkun sar magħruf minn partijiet terzi li jaġixxu *in bona fide*. Qabel ma jgħaddu 15-il jum minn meta tkun saret entrata, din ma tistax tintuża

kontra terzi persuni li jaġhtu prova li kien impossibbli għalihom li jkunu konxji tagħha. It-terzi persuni jistgħu jiċċitaw dettall li jrid jiddaħħal fir-reġistru minkejja li l-entrata tkun għadha ma saritx, sakemm il-liġi ma tipprevedix speċifikament li ssir effettiva biss wara d-dħul. Ladarba titħassar, entrata ma tkunx effettiva. Id-dokumenti fit-TRRYuLNTs jitqiesu li saru magħrufa minn partijiet terzi mid-data li jiġu ddepożitati.

Terzi persuni li jaġixxu *in bona fide* jistgħu jiċċitaw entrata jew pubblikazzjoni, saħansitra jekk id-dettall imdaħħal jew id-dokument ippubblikat ma jkunx jeżisti. B'rabta ma' terzi persuni li jaġixxu *in bona fide*, dettalji mhux imdaħħla fir-reġistru jitqiesu li ma jeżistux.

Diskrepanzi bejn l-entrata f'reġistru u l-pubblikazzjoni tagħha

Id-dettalji mdaħħla fir-reġistru jiġu ppubblikati mingħajr dewmien fuq is-sit web tar-reġistru u, fil-każ ta' żball jew nuqqas ta' komplettezza, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 96a u 96b tan-NVSDTRRYuLNTs, li skonthom l-iżbalji u n-nuqqas ta' komplettezza fid-dħul tad-dettalji, it-tħassir ta' entrati jew id-depożitu ta' dokumenti, inkluż fil-każ ta' diskrepanza bejn id-*data* li tinsab f'applikazzjoni u d-*data* li tinsab fl-annessi tagħha, jiġu rrettifikati billi jsir dħul jew depożitu mill-ġdid tad-dokument. Fejn l-iżball fid-dħul tad-dettalji, il-kanċellazzjoni tal-entrati jew id-depożitu tad-dokumenti jsir minn uffiċjal tar-reġistrazzjoni, l-applikant jew il-persuna interessata jistgħu jitolbu li l-iżbalji u l-ommissjonijiet jiġu rrettifikati billi jippreżentaw applikazzjoni bbażata fuq mudell approvat mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tar-Reġistri, li fih iridu jiġu indikati n-numru tal-entrata u l-iżball jew l-ommissjoni.

Min hu responsabbli għall-akkuratezza tar-rekords?

Skont l-Artikolu 28 taz-ZTRRYuLNTs, l-Aġenzija tar-Reġistri hija responsabbli għall-akkuratezza tar-rekords.

Proċeduri għall-protezzjoni tad-*data*

Il-proċeduri relatati mad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* rigward il-pubblikazzjoni u l-ħżin tad-*data* personali tiegħu

It-TRRYuLNTs huwa amministrat b'mod konġunt mill-Aġenzija tar-Reġistri u mis-Servizz ta' informazzjoni AD (*Informasjonno Obsluzhvane AD*). L-impriżi kummerċjali, rispettivament l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, huma l-kontrolluri tad-*data* personali tal-persuni fiżiċi li tinsab fid-dokumenti ppreżentati lill-Aġenzija tar-Reġistri għall-finijiet ta' dħul fir-reġistru skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1)(7) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-Aġenzija tirċievi d-*data* personali ta' persuni fiżiċi (sħab, sidien uniċi tal-kapital, eċċ.) mill-kumpanija/entità legali mingħajr skop ta' qligħ u hija meħtieġa tipproċessa din id-*data* f'konformità mal-proċedura stabbilita bil-liġi, fil-forma li fiha tiġi sottomessa, iddaħħal id-dettalji rilevanti fir-reġistru u tippubblika dawk li huma suġġetti għall-pubblikazzjoni bil-liġi. Id-dokumenti jiġu ppreżentati mill-kumpaniji fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-*data* bħala fajls li ma jistgħux jinqraw minn magni.

Skont l-Artikolu 2(2) taz-ZTRRYuLNTs, id-dettalji u d-dokumenti jiġu ppubblikati fit-TRRYuLNTs mingħajr l-informazzjoni li tikkostitwixxi *data* personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, ħlief għall-informazzjoni meħtieġa li tiġi ppubblikata bil-liġi. Skont l-Artikolu 20(1)(b) tar-Regolament Nru 1 tal-14 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi r-regoli għaż-żamma, il-ħżin u l-aċċess għar-reġistru kummerċjali u r-reġistru tal-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-applikazzjoni trid tkun akkumpanjata minn kopja tal-istatuti tal-kumpanija, rispettivament l-artikoli ta' assoċjazzjoni, li minnhom tkun tħassret id-*data* personali kollha, ħlief dik meħtieġa mil-liġi.

Sabiex jeżerċita d-drittijiet skont l-Artikoli 15 sa 22 tar-Regolament (UE) 2016/679, is-suġġett tad-*data* jrid jissottometti applikazzjoni bil-miktub lill-Aġenzija tar-Reġistri, li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 37b u 37c tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* Personali (*Zakon za zashtita lichnite danni*, ZZLD). Meta l-Aġenzija tirċievi talba minn suġġett tad-*data* li jkun jixtieq jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont ir-Regolament (UE) 2016/679, u tistabbilixxi l-validità tat-talba għal rettifika jew tħassir ta' *data* personali skont l-Artikolu 16, rispettivament l-Artikolu 17, tal-GDPR fit-taqsimha tad-dettalji rreġistrati jew tad-dokumenti depożitati tal-kont ta' operatur tas-suq/entità legali mingħajr skop ta' qligħ partikolari fit-TRRYuLNTs:

din tibgħat ittra lill-kontrollur primarju (l-operatur tas-suq/l-entità legali mingħajr skop ta' qligħ), b'kopja lis-suġġett tad-*data*, li tinforma lil tal-ewwel, fil-kapaċità tiegħu bħala kontrollur primarju tad-*data*, li, b'rabta ma' dritt eżerċitat minn suġġett tad-*data* (azzjonist, sid uniku tal-kapital azzjonarju, eċċ.), huwa għandu jissottometti

kopja ċertifikata tad-dokument depożitat fir-reġistru fi żmien 14-il jum, li fih tkun tħassret id-*data* personali kollha, ħlief dik meħtieġa mil-liġi. Il-kopja ċertifikata tad-dokument ippubblikat fir-reġistru li fih tkun tħassret id-*data* personali kollha, ħlief dik meħtieġa mil-liġi, trid tiġi ppreżentata f'kopja stampata jew f'forma elettronika lis-Sistema ta' Informazzjoni tat-TRRYuLNTs, flimkien ma' talba għal korrezzjoni ta' nuqqas ta' kompletezza fil-kont tal-operatur tas-suq/entità ġuridika mingħajr skop ta' qligħ, abbażi ta' mudell approvat. Nota fir-rigward tat-talba tiddaħħal fil-kont tal-operatur tas-suq/entità ġuridika mingħajr skop ta' qligħ rispettiv. Meta l-kopja tad-dokument tiġi ppreżentata bin-numru ta' referenza assenjat lill-fajl tal-każ mid-dipartiment tar-reġistri tal-Aġenzija, id-dokument jiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni tat-TRRYuLNTs fuq bażi *ex officio*.

Meta d-*data* (id-dettalji reġistrati) imdaħħla fil-parti dinamika tat-TRRYuLNTs tkun trid tiġi kkoreġuta, it-talba għall-korrezzjoni, flimkien mal-provi annessi, jiddaħħlu fis-Sistema ta' Informazzjoni tat-TRRYuLNTs bħala "Talba għall-korrezzjoni ta' żbalji u ta' nuqqas ta' kompletezza" fuq bażi *ex officio*.

Links utli

<http://www.registryagency.bg/>

<https://portal.registryagency.bg/en/>

20 Elisaveta Bagryana St, 1111 Sofija

tel.: (+359 2) 9486 181

indirizz tal-posta elettronika: office@registryagency.bg

■ L-aħħar aġġornament: 06/08/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.